- *proċeduri kostituzzjonali*
- *ammissibilita` fid-diskrezzjoni tal-Qorti meta jitqies li hemm rimedji alternattivi disponibbli*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(Gurisdizzjoni Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 2 ta' Settembru, 2020.**

**Rikors Nru. 200/2019GM**

**Meliza Muscat ID 36190M**

**Yousef Essesi ID 509491M**

**vs**

**Id-Direttur tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors li permezz tiegħu abbażi tal-premessi:-

a. Illi r-rikorrenti għandhom relazzjoni amoruża u ilhom għal dawn l-aħħar xhur jixtiequ li jiżżewġu;

b. Illi r-rikorrenti Yousef Essesi jinsab inkarċerat fil-Faċilita' Korrettiva ta' kordin sabiex jiskonta sentenza ta' ħabs;
c. Illi f'Ġunju, 2018, ir-rikorrenti talbu l-permess tad-Direttur intimat sabiex jippermetti lir-rikorrenti Essesi joħroġ mill-ħabs taħt skorta, sabiex hu flimkien mar-rikorrenti Muscat japplikaw għal-pubblikazzjoni tat-tnedijiet taż-żwieġ fir-reġistru fil-Belt Valletta;
d. Illi d-Direttur awtorizza li dan isir u fil-fatt it-tnedijiet ġew ippubblikati;
e. Illi madwar għaxart ijiem qabel id-data prospettiva taż-żwieġ, id-Direttur intimat infomra lir-rikorrenti Essesi li ma kienx ser jippermettilu joħroġ biex jiżżewweġ u għaldaqstant iż-żwieġ ma seħħx;
f. Illi sadanittant r-rikorrenti Essesi ġie traferit f'Divizjoni 15 fil-Ħabs, divizjoni li minkejja mhijiex magħruga bħala waħda li tintuża għal reklużjoni (solitary confinement), bħala stat ta' fatt fiha kien hemm Essesi biss, din l-inkarċerazzjoni solitari damet seba' xhur sħaħ;
g. Illi f'Mejju 2019, ir-rikorrenti inkarigaw l-Avukati tagħhom sabiex għal darb'oħra ssir talba lid-Direttur intimat sabiex jitħallew jiżżewwġu;
h. Illi din it-talba ma ġietx milqugha u r-rikorrenti preżenta protest ġufizzjarju kontra id-Direttur bit-tama illi dina is-sitwazzjoni tirrisolvi ruħha;
i. Illi l-għada li d-direttur intimat irċeva l-protest, lir-rikorrenti Essesi marru għalih il-Gwardjani u infurmawh li kienu ser jieħduh f'Diviżjoni 6. Kif kien qed jiġi skortat lejn id-Divizjoni, huwa gie wiċċ imb'wiċċ mad-Direttur intimat li kif rah qallu: " kemm indum hawn jien mhux ser inħalliek tiżżewweġ – għidlu lil Avukat. U għid grazzi lit-tfajla tiegħek";
j. Illi dan inhar huwa ssakkar waħdu fid-diviżjoni magħrufa għal reklużjoni (solitary confinement) tneżża għarwien u tħalla tlett ijiem ġo ċella, waħdu, għarwien, u bla saqqu jew kutra biex jitgħatta biha;
k. Illi daqs li kieku dan mhux biżżejje, lir-rikorrenti Muiscat tneħħiela d-dritt li żżur lil Essesi. Fil-fatt hija ratu l-aġġar fid-29 ta' Lulju, 2019.
l. Illi l-Artikolu 12 tal-Kovenzjoni Ewropea (kif sanċit permezz tal-Artikolu 12 tal-Ewwel Skeda tal-kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi illi: "***l-irġiel u n-nisa ta' eta' ta' żwieġ għandhom id-dritt li jiżżewwġu u li jkollhom familja, skot il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw l-eżerċizzju ta' dan id-dritt";***
m. Illi r-rikorrenti jissottomettu illi l-aġir tad-Direttur intimat qed isarraf f'leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif protetti bl-artikolu 12 fuq indimat;
n. Illi l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea (kif sanċit permezz tal-Artikolu 3 tal-Ewwel Skeda tal-kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi illi "***Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal totura jew għal trattament jew piena inumana jew degredanti";***

o. Illi r-rikorrenti kEssesi jissottometti illi l-aġir tad-Direttur intimat u b'mod speċifiku fil-kastig tar-reklużjoni (solitary confinement) iż-żamma ta' priġunier ġo ċella għarwien u mingħajr saqqu u iż-żamma ta' priġunier waħdu ġo Diviżjoni (allavolja ma tkunx waħda ta' reklużjoni) qed isarrfu f'leżjoni tad-drititjiet fundamentali tagħhom kif protetti bl-Artikolu 12 fuq indikat;
p. Illi l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea (kif sanċit permezz tal-Artikolu 8 tal-Ewwel Skeda tal-kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi illi:-

> 8(1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.
>
> (2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorita pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dirtt ħlief li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'so1jeta' demokratika fl-interessi tas-sigurta' nazzjoni, sigurta' pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-ghemil ta' delitti, għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor.

q. Illi r-rikorrenti Muscat tissottometti illi t-twaqqif arbitrarju u vendikattiv tad-dritt tagħha li żżur lil maħbub tagħha huwa leżiv għad-drittijiet tagħha u tar-rikorrenti Essesi kif protetti mill-Artikolu 3 u 8 fuq indikati.

Talbu lil din il-Qorti sabiex takkordalhom ir-rimedji li tqis li huma adekwati u suffiċjenti biex tiżgura l-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif sanċiti fl-Artikoli 3, 8 u 12 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta kif protetti wkoll permezz tal-Artikolu 3, 8 u 12 tal-Konvenzjoni Ewropea, fost l-oħrajn billi:-

1. Tiddikjara li d-drittijiet tar-rikorrenti sabiex jiżżewġu jkollhom ġew miksura;
2. Tiddikjara illi d-drittijiet tar-rikorrenti għal rispetto lejn il-ħajja private u familjari, id-dar u l-korrispondenza kienu miksura; u
3. Tiddikjara li l-aġir tad-Direttur intimat fil-konfront tar-rikorrenti Essesi sarraf fi ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti kif protetti mill-Artikolu 3 tal-Ewwel Skeda tal-kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea;

4. Tiddikara illi r-reklużjoni in ġenerali hija leżiva tad-drittijiet fundamentali tal-bnidem skond Artikolu 3 tal-Ewwel Skeda tal-kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea;
5. Tiddikjara illi ż-żamma ta' rpiġunier waħdu f'divizjoni vojta hija leżiva għad-drittijiet fundamentali tal-bnidem skond Artikolu 3 tal-Ewwel Skeda tal-kap 319 tal-Liġjiet ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea;
6. Tiddikjara illi ż-żamma ta' priġunier ġo ċella għarwien u bla saqqu hija leżiva għad-drittijiet fundamentali tal-bnidem skond Artikolu 3 tal-Ewwel Skeda tal-kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea;
7. Tordna lid-Direttur intimat sabiex jieħu dawk il-miżuri kollha neċessarji sabiex jippermetti ż-żwieġ tal-partijiet;
8. Tagħti lid-direttur intimat dawk id-dirrettivi u ordnijiet ulterjuri li tħoss xierqa;
9. Tikkompensa lir-rikorrent bis-setgħa ta' Artikolu 50 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-drittijiet tal-bnidem u Libertajiet Fundamentali u Artikolu 46 sub artikolu 2 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Barra dan, billi timponi kwalunkwe niżuri li jidhrulha xierqa u tiddikjara li l-ispejjeż ġudizzjarji għandhom jitħallsu mill-konvenut/i;

Semgħet il-provi dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat u ċjoe`:

1. Illi… r-rikorrenti qegħdin jabbużaw mill-proċess kostituzzjonali stante illi huma qegħdin jadoperaw proċedura straordinarja bħal ma hija l-proċedura odjerna meta kellhom a dispozizzjoni tagħhom rimedji ordinarji sabiex iħarsu id-drittijiet pretiżi minnhom tramite l-proċedura tal-ilmenti u talbiet stabbilita fir-Regolalment 17 u 18 tat-Taqsima II tar-Regolamenti tal-Habs kif ukoll skont it-Taqsima IV tal-istess Regolamenti tal-Ħabs (LS 260.03) kif ukoll ir-rimedju ġenerali fil-forma ta' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ai termini ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward l-esponenti għalhekk jeċepixxi n-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ordinarji da parti tar-rikorrenti u l-esponenti jistieden lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeklina milli tezerċita l-ġurisdizzjoni konvenzjonali tagħha ai termini tal-proviso ghall-Artikolu 4 (2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) ;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għallum għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni ;

Ikkunsidrat :

Illi l-ammissibilita` ta' proċeduri dwar allegat ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem huma rregolati bl-Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni, li jiffakoltizza lil din il-Qorti « **jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha… meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra** ». Jinstab kliem identiku fl-Art. 4(2) tal-Att XIV.1987 li jipprovdi sabiex id-disposizzjonijiet sostantivi tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali isiru u jkunu eżegwibbli bħala parti mil-liġi ta' Malta ;

Illi d-disposizzjonijiet imsemmija jistabbilixxu l-prinċipju li r-rimedji « kostituzzjonali » huma rimedji aħħarija, li wieħed ma jirrikorrix għalihom kif ġieb u laħaq, imma biss jekk ma jkunx hemm rimedji disponibbli taħt il-liġi ordinarja. Dan peress li f'ħafna każi, il-ksur ta' jeddijiet fundamentali jista' jsib rimedju fid-dritt privat. M'hemm l-ebda dikotomija bejn id-dritt kostituzzjonali u d-dritt privat. « Ksur ta' dritt fundamentali huwa minnu nnifsu att illeċitu u għalhekk huwa wkoll delitt ċivili, bil-konsegwenzi kollha – fosthom it-tnissil ta' jedd għal risarċiment u għal danni - li dan iġib miegħu »[1] Din in-norma qiegħedha hemm kemm sabiex jiġi segwit l-ordni loġiko-ġuridiku, kemm għall-fini tal-ekonomija tal-ġudizzju, kif ukoll biex il-proċeduri kostituzzjonali ma jiġux abbużati u bbanalizzati. Imma proprju għall-istess raġunijiet, in-norma mhix waħda assoluta. Jaqa' f'ħoġor din il-Qorti, ċjoe` fid-diskrezzjoni tagħha, jekk tammettix kawża 'kostituzzjonali' jew le, anke jekk ikun jeżisti rimedju alternattiv. Barra minn hekk, il-ġurisprudenza stabbiliet li huwa meħtieġ li r-

[1] Goege Spiteri v Policy Manager tal-Malta Shipyards 27.03.2015 Qorti Kostituzzjonali

rimedju jkun jindirizza l-ilment b'mod prattiku, aċċessibbli, effettiv, adegwat u komplut ;

Illi l-intimat isostni li r-rikorrenti għandhom żewġ rimedji disponibbli li m'użawx :

L-ewwel, il-proċedura tal-ilment quddiem il-Bord tal-Moniteraġġ[2]. Dan il-Bord m'għandu l-ebda setgħa deċiżiva, imma jagħmel rakkomandazzjonijiet lid-Direttur tal-Ħabs, liema rakkomandazzjonijiet ma jorbtuħx[3]. Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti Ewropeja, rimedju alternattiv jista' jingħata biss minn organi « capable of rendering binding and enforceable decisions »[4] Għalhekk ilment quddiem il-Bord ma jiswiex bħala rimedju alternattiv ;

It-tieni : rimedju ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-Art. 469A tal-Kap 12. Huwa minnu li dan it-tip ta' rimedju jista' jkun effettiv biex tiġi mħassra d-deċiżjoni li l-ilmentatur ma jingħatax *prison leave.* Iżda fi proċeduri bħal dawk il-Qorti sservi biss bħala Qorti ta' kassazzjoni : ma tkunx tista' tordna li attwalment jingħata l-*prison leave,* jew inkella tordna li l-ilmentaturi jitħallew jiżżewwġu. Fi kwalunkwe każ, kwalunkwe rimedju a tenur tal-Art. 469A anke jekk jista' talvolta jindirizza uħud mill-ilmenti mressqa permezz ta' din il-proċedura kostituzzjonali, ma jista' qatt jindirizzahom kollha. Partikolarment ma jistax jagħti rimedju għal ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem skont l-Art. 3 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk lanqas dan ir-rimedju m'huwa pjenament effettiv ;

---

[2] skont ir-Regolamenti 17 u 18 tat-Taqsima II tar-Regolamenti tal-Ħabs kif ukoll skont it-Taqsima IV tal-istess Regoalment tal-Ħabs (L.S. 260.03)
[3] Regolament 108(2)
[4] Neshkov and others v Bulgaria 27.01.2015, Applikazzjoni Nru. 36925/10, 21487/12; 72893/12, 73196/12 u 9717/13

Illi applikati l-prinċipji suesposti għall-każ preżenti, din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tiddeklina l-ġurisdizzjoni tagħha ;

***Decide***

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat, bl-ispejjeż a kariku tiegħu u tordna t-tkomplija tas-smiegħ tal-kawża.

Moqrija.

ONOR IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA